# XRAR

**(Jissokta man-numru ta' qabel)**

**Ta' J. P. Vassallo**

Bħal bandiera għaddiet, sbejħa mill-wiċċ u s-sura
Mneżżgħa ma kinitx; bilkemm kienet mistura.

Kellmet lil kulħadd, ma qaletx kelma waħda,
Stedina ma għamlitx, lanqas ma fissret ċaħda.

Kellmet lil kulħadd: ma ċaqalqitx xofftejha
Kienet tegħmiża waħda u ma petpitx għajnejha.
O Salomè, Salomè, kemm hu tremend il-ħlas:
Titlob mhux ta' Ġwanni iżda ta' Kristu r-ras!

* * *

Spalla ma' ras u ras tistrieħ fuq spalla,
        Dirgħajn imsallba jħaddnu lill-ġenbejn;
Għasel il-kliem u s-skiet aħjar mill-għasel,
        Mirja ħerqana ileqqu erba' għajnejn.

Nefħu ftit qomra u d-dirgħajn inħallu,
        Ċurkett tad-deheb rabathom issa sħiħ.
Għaliex qed jimxi wieħed waħdu mdejjaq
        U l-oħra tħoss il-morsa ta' l-uġigħ?

* * *

Żlaqt fit-triq żagħżugħ: il-ħbieb li ġew jarawni
        Qalu: "Toroq agħar minn tagħna ħadd ma ra."
Wara erbgħin sena rġajt waqajt darb'oħra;
        Ċaqalqu rashom ħbiebi u qalu: "C'è l'età!"

Awissu, 1970